32006R1319

6.9.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 243/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1319/2006

tal-5 ta' Settembru 2006

dwar l-iskambju ta' ċertu tagħrif li għandu x'jaqsam mal-laħam tal-majjal bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni

(Verżjoni kkodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2806/79 tat-13 ta' Diċembru 1979 fuq il-bdil bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ta' ċerta informazzjoni dwar il-laħam tal-majjal u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2330/74[2] kien emendat b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, ir-Regolament imsemmi għandu jiġi kkodifikat.

(2) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 jipprovdi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin it-tagħrif meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Jekk it-tagħrif meħtieġ biex jitħaddem is-suq organizzat għandu jkun disponibbli fuq bażi standard u meta jkun il-waqt, huwa neċessarju li l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-komunikazzjoni tat-tagħrif jiġu ddefiniti b'mod iddettaljat.

(3) L-applikazzjoni tal-miżuri ta' intervent li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 teħtieġ għarfien preċiż tas-suq. Sabiex jintlaħaq l-ogħla grad ta' kumparabbiltà, il-prezzijiet tal-majjal maqtul li għandhom jitqiesu għandhom ikunu l-kwotazzjonijiet kif stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1128/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 dwar l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni li

---

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

[2] ĠU L 319, 14.12.1979, p. 17. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3574/86 (ĠU L 331, 25.11.1986, p. 9).

għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal[3]. B'mod partikulari, għall-għanijiet ta' analiżi regolari u sabiex ikun hemm biżżejjed ħin biex jitħejjew il-miżuri ta' intervent, it-tagħrif li jrid ikun disponibbli dwar il-prezzijiet tal-qżieqeż irid ikun tali li jippermetti li jiġu vvalutati t-tibdiliet fis-suq tal-ġejjieni.

(4) Jista' jiġri li l-Kummissjoni ma tkunx irċeviet kwotazzjonijiet. Trid tkun evitata sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta' kwotazzjoni tikkawża evoluzzjoni mhix normali fil-prezzijiet tas-suq ikkalkulati mill-Kummissjoni. Il-kwotazzjoni nieqsa jew il-kwotazzjonijiet neqsin għandhom jinbidlu bl-aħħar kwotazzjoni disponibbli. L-użu tal-aħħar kwotazzjoni disponibbli mhijiex iktar possibbli wara ċertu perjodu mingħajr kwotazzjonijiet, li jista' jwassal għas-suppożizzjoni ta' sitwazzjoni mhix normali fis-suq ikkonċernat.

(5) Sabiex wieħed ikollu daqqa t'għajn tas-suq li tkun kemm jista' jkun preċiża, huwa mixtieq li l-Kummissjoni jkollha tagħrif regolari disponibbli dwar il-prodotti l-oħra tas-settur tal-laħam tal-majjal, kif ukoll tagħrif ieħor li l-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-laħam tal-majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-iktar tard nhar ta' Ħamis ta' kull ġimgħa dwar il-ġimgħa ta' qabel:

(a) il-kwotazzjonijiet kif stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1128/2006;

(b) il-kwotazzjonijiet rappreżentattivi għal kull ras għall-qżieqeż ta' piż ħaj medju ta' madwar 20 kilogramma.

2. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx irċeviet kwotazzjoni waħda jew iżjed, din għandha tqis l-aħħar kwotazzjoni disponibbli. Fejn tkun nieqsa kwotazzjoni jew ikunu neqsin kwotazzjonijiet għat-tielet ġimgħa konsekuttiva, il-Kummissjoni ma għandiex tibqa' tqis dik il-kwotazzjoni jew dawk il-kwotazzjonijiet.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni darba fix-xahar għax-xahar ta' qabel il-medja tal-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjali għall-gradi kummerċjali E sa P kif speċifikat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84[4].

[3] ĠU L 201, 25.7.2006, p. 6.
[4] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1.

Artikolu 3

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-tagħrif li ġej, fejn ikun disponibbli, dwar prodotti li huma koperti bir-Regolament (KEE) Nru 2759/75:

(a) il-prezzijiet tas-suq fl-Istati Membri tal-prodotti impurtati minn pajjiżi li mhumiex membri;

(b) il-prezzijiet attwali li jkunu japplikaw fis-swieq rappreżentattivi f'pajjiżi li mhumiex membri.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tevalwa t-tagħrif mibgħut mill-Istati Membri u għandha tikkomunikah lill-Kumitat ta' Ġestjoni tal-laħam tal-majjal.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KEE) Nru 2806/79 għandu jitħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Ir-Regolament l-imħassar flimkien mal-emendar tiegħu	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2806/79	(ĠU L 319, 14.12.1979, p. 17)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3574/86	(ĠU L 331, 25.11.1986, p. 9)

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI	
Ir-Regolament (KEE) Nru 2806/79	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2, is-sentenza tal-bidu u l-ewwel inċiż	L-Artikolu 2
L-Artikolu 2, it-tieni inċiż	—
L-Artikoli 3 u 4	L-Artikoli 3 u 4
L-Artikolu 5	—
—	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
—	L-Anness I
—	L-Anness II